**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 41**

**IL-ĦAMIS 23 ta' SETTEMBRU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |
| | |
| KUM. AMM.MADLIENA | FRANK SALT |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 40 ġew approvati.Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Sindku ssekondat.

2. Il-Kunsillier Fenech ippropona li tiġi sospiża l-laqgħa biex il-Perit tal-Kunsill jispjega dwar il-pjanti u kwotazzjonijiet tal-proġett tat-Tennis Court u l-Clubhouse. Ħin: 5.45p.m.
Il-Laqgħa reġgħet bdiet fis-6.45p.m.
Wara diskussjoni twila l-Kunsill ikkonkluda li peress li l-fondi għal dan il-proġett ser joħorġu mill-UIF Fund ikun aħjar li jsir appuntament ma' Dr. Malcom Borg uffiċċjal mill-MEPA inkarigat mill-fondi UIF. Għal din il-laqgħa importanti li jkun preżenti il-Perit tal-Kunsill.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier irrefera għax-xogħlijiet li kellhom isiru mall-boundaries tal-ħamrija ħdejn il-Bus Shelters fi Triq Sant'Andrija. Hu ssuġerixxa li jkun aħjar li jintużaw blocks minflok kuduni għoljin minħabba li dawn jistgħu ibidlu l-estetika tal-proġett kif ippjanat. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li dwar dawn ix-xogħlijiet jiddiskuti mas-Sur Simon Cioffi uffiċċjal mill-Ministeru tar-Riżorsi Umani).

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk intbagħtitx ir-reminders lit-Transport Malta dwar l-espropjazzjoni ta' l-art żgħira fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Swieqi kif ukoll lill-Ministeru tar-Risorsi Umani dwar il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ tal-Madliena.Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ir-reminders intbagħtu.

2. Il-Kunsill staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir mal-Ministru Pulliċino u Segretarju Parlamentari Chris Said dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sindku wieġbet li din il-laqgħa għad ma saritx.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

**Mill-Kunsillier Mario Fava (jkompli....................**

3. Il-Kunsillier Fava irrimarka li kien hemm minuta fil-laqgħa preċedenti li ma ġietx emmendata. Il-Kontenut kien dwar talba tal-Kunsill għal permess mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-possibilta' li jinkera grawnd tal-futbol biex jintuża għat- *training* minn Swieqi United Football Club

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li l-attivita' Skola Sajf ġiet fit-tmiem. Din is-Sena wkoll din l-attivita' kienet ta' suċċess.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita' Jum is-Swieqi ukoll kienet ta' suċċess. Fir-road race ipparteċipaw mhux inqas minn 200 atleta.

3. Is-Sindku nfurmat li ser jerġaw jibdew il-ħarġiet kulturali għall-anzjani. Hi qasmet programm li jinkludi l-postijiet u dati tal-ħarġiet.

4. Is-Sindku nfurmat wkoll li dalwaqt ser jibdew klassijiet ta' eżerċizzi fiżiċi. (keep fit). Dawn ser isiru fil-Garden View Complex. Mhux ser ikun hemm spejjez għall-Kunsill.

5. Is-Sindku nfurmat li saret l-applikazzjoni għal ġurnata ta' attivita' Memo Nru 95/2010. Jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-Gvern Centrali iħallas nofs l-ispiża. L-ispiża globali hija €9500.00

6. Il-Kunsill ġie infurmat b' Memo 122/2010. Din titratta dwar il-ħlas għall-ikliet għall-Kunsillieri fil-festi tal-Milied.

7. Is-Sindku qrat korrispondenza Memo 126/2010 dwar attivitajiet li fihom jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund. Wara diskussjoni sar qbil li jitqassmu fil-ħwienet tal-lokal Money Boxes issiġillati bi kliem Community Chest Fund. Il-fondi li jinġabru jingħataw lil din l-għaqda fi programm li ser isir apposta fil-Jiem tal-Milied.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkomplu..................)

8. Is-Sindku nfurmat bil-ħsarat li saru fil-wiċċ ta' Triq id-Dris. Dawn saru b'konsegwenza ta' kwantita' ta' ilma tax-xita li ma kellux żvog biżżejjed min fejn jiżbokka għal ġo Triq Sant'Andrija.
L-istima tal-ħsarat tammonta madwar €4100. Il-Perit tal-Kunsill mar fuq il-post u ikkonkluda li inutli li tissewwa l-ħsara, għax jekk il-culverts ta' l-ilma ta' Triq it-Tiben ma jiġux imqabbda ma dawk ta' Triq Sant'Andrija, il-ħsara ser terġa issir. Il-Kunsill iddeċieda li tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex dawn isolvu l-problema. Jekk il-ħsarat ma jsirx kif titlob is-sengħa allura dawn jinżammu risponsabbli għal dawk kollu li jista' jinqala'.

9. Is-Sindku nfurmat li kellha ilmenti minn residenti b' diżabilita' dwar il-problema ta' parkeġġ meta dawn ikollhom il-bżonn li jixtru xi mediċini mingħand spiżeriji. Wara diskussjoni l-Kunsill ideċieda li ssir applikazzjoni mat-Transport Malta dwar il-possibilta' ta' parkeġġ għal dawk il-persuni li għandhom "Blue Stickers" fil-viċinanza ta' J.V Pharmacy.

10. Is-Sindku qrat korrispondenza Memo 73/2010 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Hi nfurmat lill-Kunsill li l-Gvern Lokali ser jirrifondi €300 li kienu tħallsu għall-istampar ta' stickers b' ħames lingwi b'informazzjoni dwar ħinijiet ta' ġbir ta' l-iskart. Il-Kunsill irrimarka li jekk ir-residenti jikkoperaw mall-ħinijiet, allura ser jitnaqqas dak l-iskart fit-toroq li jinġabar minn klieb u qtates meta dawn ifittxu l-ikel fil-boroz ta' l-iskart.

11. Is-Sindku ppreżentat stimi għall-kisi bit-tarmac ta' Triq il-Qasam. Dawn l-istimi li jinkludu wkoll xogħljiet ta' bankini jammontaw għal €165,187.00. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għalissa l-Kunsill ma jistgħax jikkommetti ruħu għal dawn ix-xogħlijiet, mhux qabel ma isir ir-rapport finanzjarju sa l-aħħar ta' Settembru 2010. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv. Sar qbil ukoll li Triq il-Qasam għandha tkun ta' priorita' mit-toroq l-oħra.

12. Il-Kunsill ġie nfurmat li waslet is-somma €98,636.00 li tkopri 10% ta' l-ispejjeż tal-kuntratt tal-kisi bit-tarmak tat-toroq tal-Madliena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier fakkar għar-rapport finanzjarju li jkopri x-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru 2010. Il-Kunsillier staqsa għal varjazzjonijiet imqabbla ma' l-attwali tas-Sena preċedenti.

2. Il-Kunsillier informa li l-minuti tas-seduti tal-Kunsill mhux qed jidhru fuq il-website. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn qegħdin fuq il-website. Dan il-Kunsillier ser jingħata informazzjoni kif jaċċessa s-sistema.

3. Il-Kunsillier informa li l-deadline għar-write up tal-magazine huma 15 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsillieri huma nfurmati li r-rapporti tagħhom iridu jaslu għand il-Kunsillier Curmi sa dik id-data. Il-Kunsillier Fava staqsa l-possibilta' li jiġi pprezentat draft tal-magazin fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss qabel ma dan jigi ppublikat.

4. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill siġra kbira fuq il-bankina fi Triq is-Sejjieħ. Din qed tkun ta' periklu għal minn jiffrekwenta iż-żona. Hu rrakomanda li din għandha tinżabar.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

5. Il-Kunsillier talab biex t-tabella il ġdida (isem ta' Triq il-Wiżna) li twaħħlet fuq in-naħa tax-xellug titressaq għan-naħa opposta b' hekk tkun tista tinqara aħjar min dawk is-sewwieqa tilgħajn għal Triq il-Qasam.

6. Il-Kunsillier staqsa min ser ikun fuq il-bord ta' l-għażla ta' l-impjegat l-iskrivan/a ġdida għall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-bord ser jinkludu lis-Sindku u żewġ segretarji oħra mill-Kunsilli differenti. Il-Kunsillier Fava irrimarka li dan li gara huma kollu tort ta' deċiżjoni żbaljata li kien ħa l-Kunsill 6 xhur ilu fl-għażla ta' skrivan fejn minkejja li kienu applikaw 2 persuni b'esperjenza u li dawn kapaci jagħmlu xogħol ta' assistent segretarju u minkejja wkoll li l-bord ta' l-għażja kien ta' parir li għandha tintgħażel waħda minn dawn l-applikanti, il-Kunsill ideċieda li ma jimxix ma dan il-parir bl-iskuża li ż-żewġ applikanti kienu skala 11 u 13 filwaqt lill-Kunsill kien qed jitlob għal skala 15. Il-Kunsillier irrimarka li d-differenza fis-salarji f' dawn iskali huma ta' ftit mijiet ta' ewros fis-Sena. Issa l-Kunsill ma għandux għażla oħra ħlief li joħroġ applikazzjoni għal Skala 11 u 13. Dan kollu se jwassal biex il-Kunsill se jerġa jkollu jgħaddi mill-proċeduri kollha ta' interviews li ser ikomplu ixxekklu il-ħidma amministrattiva tal-Kunsill. Il-Kunsillier informa li hu kien diga għadda dawn ir-rimarki qabel saret l-għażla preċedenti.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkomplu..................)

*Il-Kunsillier Fava staqsa biex jiġi skużat. Ħin 8.10p.m.*

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier talab biex issir laqgħa mas-Sur Oliver Lautier, officjal mill-Ministeru tar-Risorsi Umani, f' din il-laqgħa għandha tiġi diskussa l-possibilta' li Wied Għomor fiż-żona ta' fejn hemm il-girna għandu jitnaddaf , jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ u jinżeraw xi siġar, b'hekk din iż-żona issir park ta' rikrejazzjoni għall-familji tagħna.

**Mill-Kunsillier Gordon Shephard**

1. Il-Kunsillier staqsa għal possibilta' ta' skip oħra fi Triq il-Ġiżimin. Dan minħabba li t-tnejn esistenti mhux qed ilaħqu mad-domanda. Sar qbil li tintalab kwotazzjoni għall-skips ġodda.
2. Il-Kunsillier staqsa għal possibilta' li ssir applikazzjoni mat-Trasport Malta għal loading u unloading fil-viċinanza tal-Corner Food Shop u l-Villge Food Store.
3. Il-Kunsillier Shephard u l-Viċi Sindku talbu biex jiġu skużati. Hin 8.30p.m.

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Il-Kunsillier irrimarka li t-traffic calmer li saret fin-naħa ta' fuq ta' Triq is-Swieqi saret mingħajr ħsieb u bla użu. Il-Kunsillier Curmi nforma li din saret biex jitnaqqas l-abbużi ta' sewwieqa telgħin min-naħa tal-Wied Għomor għal Triq is-Swieqi.
2. Il-Kunsillier staqsa għall-lista ta' traffic clamer installati fil-lokalita'.
3. Il-Kunsiller nforma li l-attivita' Jum is-Swieqi ġiet tiswa wisq. Din qamet madwar €33 kull persuna li attendiet.. Kien ikun aħjar li dawn il-fondi intefqu għal xi proġett aktar fil-bżonn. Il-Kunsillier Curmi informa li hu kien f pozizzjoni li jara aħjar lil dawk preżenti. Hu informa li l-attendenza kienet madwar 200 resident.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkomplu...................)

**Kunsillier Rene' Rossignaud (jkompli.....................)**

4. Il-Kunsillier ġiebed għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-karozzi b' reġistrazzjoni Bulgara xorta għadhom ipparkjati ħażin fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi. Dan minkejja li saru diversi rapporti lill-Pulizija. Is-Sindku infurmat li dawn l-abbużi ser jerġaw jiġu rrapurtati lill-Pulizija fil-laqgħa tax-xahar li jmiss.

5. Il-Kunsillier nforma li fis-seduta tal-Kunsill li jmiss ser jippreżenta lista li tindika ta' fejn hemm il-bżonn li jsiru aktar skips.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-8.40p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**